

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [Slovakia](#)

## Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Slovakia

Slovakkja



Din it-taqsimha tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fis-Slovakkja.

### Qrati amministrattivi

Kwistjonijiet tad-dritt amministrattiv jaqgħu prinċipalment taħt l-awtorità tal-qrati reġjonali (*krajský súd*) u l-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka (*Najvyšší súd Slovenskej republiky*).

Ir-Repubblika Slovakka m'għandhiex qrati amministrattivi separati; minflok, għandha għadd ta' awli ppreseduti minn imħallfin amministrattivi.

### Qrati speċjalizzati

#### Il-Qorti Kostituzzjonali

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka (*Ústavný súd Slovenskej republiky*) hija korp ġudizzjarju indipendenti bis-setgħa li jiddeċiedi dwar il-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni.

Is-sede tal-Qorti Kostituzzjonali tinsab f'Košice, fi Hlavná 110, Košice 042 65, b'uffiċċju ta' fergħa fi Bratislava f'Župné námestie 12.

#### Kompetenzi

Skont il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka, il-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi dwar jekk:

- il-liġijiet humiex konformi mal-Kostituzzjoni, il-liġijiet kostituzzjonali u t-trattati internazzjonali approvati mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka rratifikati u promulgati skont il-liġi;
- ir-regolamenti tal-gvern, u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jorbtu b'mod ġenerali promulgati mill-ministeri u minn korpi tal-gvern ċentrali oħrajn humiex konformi mal-Kostituzzjoni, mal-liġijiet kostituzzjonali u trattati internazzjonali approvati mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka u rratifikati u promulgati skont il-liġi;
- ir-regolamenti li jorbtu b'mod ġenerali humiex konformi mal-Kostituzzjoni (l-Artikolu 68), mal-liġijiet kostituzzjonali u mat-trattati internazzjonali approvati mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka, u rratifikati u promulgati skont il-liġi, u l-liġijiet, sakemm ma tkunx meħtieġa tiddeċiedi qorti oħra;
- id-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali promulgati minn korpi tal-gvern lokali u r-regolamenti li jorbtu b'mod ġenerali ta' korpi awtonomi lokali (skont l-Artikolu 71(2)) humiex konformi mal-Kostituzzjoni, mal-liġijiet kostituzzjonali u mat-trattati internazzjonali promulgati skont il-liġi, il-liġijiet, ir-regolamenti tal-gvern u d-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali promulgati mill-ministeri u minn korpi tal-gvern ċentrali oħrajn, sakemm ma tkunx meħtieġa tiddeċiedi fuqhom qorti oħra.

Il-Qorti Kostituzzjonali trid ukoll:

- tiddeċiedi dwar il-konformità ta' trattati internazzjonali nnegożjati li għalihom huma meħtieġa kemm il-kunsens tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakk kif ukoll il-konformità mal-Kostituzzjoni u/jew ma' liġi kostituzzjonali;
- tiddeċiedi jekk is-suġġett ta' referendum li jkun se jseħħ b'riżultat ta' petizzjoni popolari jew riżoluzzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakk (skont l-Artikolu 95(1)) ikunx konformi mal-Kostituzzjoni jew ma' liġi kostituzzjonali;
- tiddeċiedi dwar tilwim fuq kompetenzi bejn il-korpi tal-gvern ċentrali, sakemm il-liġi ma tipprovdix li trid tkun awtorità statali oħra li tiddeċiedi dwar dan it-tilwim;
- tiddeċiedi dwar ilmenti mressqa minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu qed isostnu li nkisru d-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali tagħhom skont trattat internazzjonali li għie rratifikat mir-Repubblika Slovakk u li għie ppromulgat skont il-liġi, sakemm ma tridx tkun qorti oħra li tiddeċiedi dwar il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet;
- tiddeċiedi dwar ilmenti mressqa minn korpi awtonomi lokali dwar l-antikostituzzjonalità jew l-illegalità ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tal-awtonomija lokali jew ta' ndħil fiha, sakemm ma tridx tkun qorti oħra li trid tiddeċiedi dwar il-protezzjoni tagħhom;
- tinterpreta l-Kostituzzjoni jew liġi kostituzzjonali meta jkun hemm tilwim dwar kwistjoni;
- tiddeċiedi dwar ilment imressaq kontra deċiżjoni li tikkonferma jew tivverifika l-mandat ta' Membru tal-Parlament;
- tiddeċiedi dwar il-kostituzzjonalità jew il-legalità tal-elezzjonijiet (tal-President tar-Repubblika Slovakk, tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakk, tal-korpi awtonomi lokali u tal-Parlament Ewropew);
- tiddeċiedi dwar ilmenti mressqa kontra r-riżultat ta' referendum jew kontra r-riżultati ta' plebixxit biex il-President tar-Repubblika Slovakk jirtira mill-kariga;
- tiddeċiedi jekk deċiżjoni biex partit jew moviment politiku jiġi xolt jew jiġux sospiżi l-attivajiet politiċi tiegħu tkunx konformi mal-liġijiet kostituzzjonali u ma' liġijiet oħrajn;
- tiddeċiedi dwar prosekuzzjoni miftuħa mill-Kunsill Nazzjonali fil-konfront tal-President tar-Repubblika Slovakk minħabba l-ksur intenzjonali tal-Kostituzzjoni jew tradiment;
- tiddeċiedi jekk deċiżjoni li tiddikjara stat ta' ċirkustanzi eċċezzjonali jew stat ta' emerġenza u deċiżjonijiet oħrajn konnessi ma' din id-deċiżjoni ttiħdux f'konformità mal-Kostituzzjoni jew ma' liġi kostituzzjonali.

## Kompożizzjoni tal-qorti

Il-Qorti Kostituzzjonali hija komposta minn 13-il imħallief.

L-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali jinħatru mill-President tar-Repubblika Slovakk għal mandat ta' 12-il sena, wara proposta tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakk. Il-Kunsill Nazzjonali jrid jinnomina d-doppju tal-għadd ta' kandidati ġudizzjarji li jridu jinħatru mill-President.

## Informazzjoni rilevanti oħra

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jridu jittieħdu f'sessjoni plenarja preseduta minn tliet membri.

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali huma finali: għalhekk, ma jistax isir rikors kontrihom.

Il-Qorti Kostituzzjonali tista' tagħti bidu għall-proċedimenti hekk kif tirċievi talba mressqa minn:

- tal-inqas kwint il-membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali Repubblika Slovakk,
- il-President tar-Repubblika Slovakk,
- il-Gvern tar-Repubblika Slovakk,
- qorti,
- il-Prosekutur Ġenerali (*generálny prokurátor*),
- kwalunkwe persuna li d-drittijiet tagħha jkunu aġġudikati fil-każijiet skont l-Artikolu 127 (appelli ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi) u l-Artikolu 127a (appelli minn korpi awtonomi lokali),
- l-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar tar-Repubblika Slovakk (*Najvyšší kontrolný úrad Slovenskej republiky*) fil-każijiet previsti fl-Artikolu 126(2) (ikollux il-ġuriżdizzjoni l-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar jew le),
- il-President tal-Kunsill Ġudizzjarju tar-Repubblika Slovakk fi kwistjonijiet relatati mal-kostituzzjonalità ta' leġiżlazzjoni skont l-Artikolu 125(1) li jikkonċerna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja,
- l-Ombudsman fi kwistjonijiet relatati mal-kostituzzjonalità ta' leġiżlazzjoni skont l-Artikolu 125(1), meta l-applikazzjoni ulterjuri ta' tali leġiżlazzjoni tista' tipperikola d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali jew id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li jirriżultaw minn trattat internazzjonali ratifikat mir-

Repubblika Slovakkja u promulgat skont il-liġi,

- kwalunkwe persuna li tikkontesta l-attività ta' awditjar tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar tar-Repubblika Slovakkja fil-każ stipulat fl-Artikolu 126(2).

## Bażijiet tad-*data* ġuridiċi

Is-sit elettroniku tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakkja jipprovdi aċċess liberu:

- għad-deċiżjonijiet tal-qorti,
- għar-rapporti dwar konklużjonijiet u deċiżjonijiet,
- għall-istqarrijiet għall-istampa,
- għall-attivitajiet internazzjonali,
- għall-informazzjoni dwar il-qorti.

### Il-Qorti Kriminali Speċjali

Il-Qorti Kriminali Speċjali (*Špecializovaný trestný súd*) inħolqot fl-2009 bħala suċċessur għall-Qorti Speċjali. Il-Qorti Kriminali tiddeċiedi dwar kwistjonijiet kriminali u kwistjonijiet oħra deċiżi fil-proċedimenti tal-qorti kif stabbilit mil-leġiżlazzjoni (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali). Hija qorti tal-ewwel istanza bl-istatus ta' qorti reġjonali. L-Artikolu 14 tal-Att Nru 301/2005, il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, jistabbilixxi l-kompetenzi u l-funzjonijiet ta' din il-qorti.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-Qorti Kriminali Speċjali tar-Repubblika Slovakkja:

Indirizz: Suworovova ċ. 5/A, P.O.BOX 117, 902 01 Pezinok Tel.: +421 33 69 031 14 Faks: +421 33 69 032 72

### Kompetenzi

Il-Qorti Kriminali Speċjali għandha ġurisdizzjoni biex tisma' kawżi li jinvolvu r-reati li ġejjin:

- omiċidju tal-ewwel grad,
- il-manipulazzjoni tal-akkwist pubbliku u l-irkanti pubbliċi skont l-Artikolu 266(3) tal-Kodiċi Kriminali,
- il-falsifikazzjoni u l-iffalsifikar tal-flus u t-titoli skont l-Artikolu 270(4) tal-Kodiċi Kriminali,
- abbuż ta' poter f'kariga pubbliku skont l-Artikolu 326(3) u (4) tal-Kodiċi Kriminali flimkien ma' reati skont is-subparagrafi (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i), (l) jew (m),
- l-aċċettazzjoni ta' tixħim skont l-Artikoli 328 sa 330 tal-Kodiċi Kriminali,
- it-tixħim skont l-Artikoli 332 sa 334 tal-Kodiċi Kriminali,
- il-korruzzjoni indiretta skont l-Artikolu 336 tal-Kodiċi Kriminali,
- it-tixħim elettoralni skont l-Artikolu 336a tal-Kodiċi Kriminali,
- il-korruzzjoni sportiva skont l-Artikolu 336b tal-Kodiċi Kriminali,
- il-ħolqien, l-organizzazzjoni jew il-promozzjoni ta' grupp kriminali, b'mod partikolari reati serji mwettqa minn gruppi kriminali,
- it-terroriżmu,
- ir-reati kontra l-propjetà fit-Titolu Erbgħa tal-parti speċjali tal-Kodiċi Kriminali jew ir-reati ekonomiċi fit-Titolu Ħamsa tal-parti speċjali tal-Kodiċi Kriminali, meta r-reat jirriżulta fi ħsara jew gwadann ta' mill-inqas 25 000 darba l-ammont ta' ħsara minuri fil-Kodiċi Kriminali jew meta l-impatt tar-reat kommess jammonta għal tal-inqas 25 000 darba l-ammont ta' ħsara minuri fil-Kodiċi Kriminali,
- il-ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea,
- ir-reati relatati ma' dawk elenkati fis-subparagrafi (a) sa (l) jew (m), meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet għal proċedimenti magħqudin,
- l-estremiżmu skont l-Artikolu 140a tal-Kodiċi Kriminali.

---

L-aħħar aġġornament: 27/02/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.